MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 1691/2001/1

**George, Joseph, Nicholas, Emmanuel, Alice Żahra, Mary Galea, Monica Vella, ilkoll aħwa BALDACCHINO bħala eredi ta' missierhom Francis Baldacchino u Kalċedonia Baldacchino**

**vs**

**Anthony *sive* Twanny BALDACCHINO u martu Maria Licia Baldacchino**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq fl-24 t'Ottubru, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, r-rikorrenti qegħdin jitolbu li jagħmlu eżekuttiv kuntratt nutarili pubbliku[1] bih l-intimati miżżewġin Baldacchino kienu iddikjaraw li kellhom jagħtu lil Francis u Kalċedonja Baldacchino s-somma ta' mija u ħamsin elf lira Maltija (Lm 150,000) bil-mod u fiż-żmien imsemmi fl-istess att;

Illi, għal din it-talba, l-imsemmija miżżewġin Baldacchino laqgħu bi Tweġiba mressqa fit-23 t'April, 2002, u li fiha qegħdin jgħidu li r-rikorrenti Kalċidonja Baldacchino ma tistax tressaq il-pretensjonijiet tagħha b'din il-proċedura, u, fil-mertu, li ma sar l-ebda self lilhom;

Illi dan il-provvediment qiegħed jingħata dwar il-preġudizzjali proċedurali mqanqla mill-intimati;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Semgħet lir-rikorrent George Baldacchino jaħlef dak li hemm imsemmi fir-Rikors promotur;

[1] Dok "A", f'pa[[. 3-4 tal-pro`ess

Rat id-Degriet tagħha tas-26 ta’ Frar, 2002, li bih u fuq talba tar-rikorrenti ordnat il-bdil mitlub fl-atti;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-25 t’April, 2002, li matulu tat Degriet interlokutorju dwar l-atti tar-Rikors, u fejn l-intimati ma baqgħux jinsistu iżjed dwar l-ewwel eċċezzjoni tagħhom, fid-dawl tad-Degriet mogħti fis-26 ta’ Frar, 2002;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar it-tieni eċċezzzjoni tal-intimati;

Rat id-Degrieti tagħha tal-11 ta’ Ġunju, 2002, u tas-17 t’Ottubru, 2002, li bihom ħalliet ir-Rikors għall-provvediment dwar jekk ir-Rikorrenti Kalċedonja Baldacchino setgħetx tressaq il-proċedura preżenti;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-ħsieb tar-Rikorrenti fil-proċedura li bdew kien li jirrendu eżekuttiv il-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu li sar bejn Francis Baldacchino u l-intimati. Ta’ min jgħid li, skond l-istess kuntratt, Francis Baldacchino kien qiegħed jidher kemm f’ismu proprju u kif ukoll bħala mandatarju tar-rikorrenti martu Kalċedonja. Francis Baldacchino miet f’Jannar tal-1999[2]. Il-wirt tiegħu jidher li huwa regolat b’testment *unica charta* tat-30 t’April, 1969, fl-Atti tan-Nutar Nicola Said[3]. Ir-rikorrenti kollha (għajr għar-rikorrenti Kalċedonja Baldacchino) u kif ukoll l-intimat Anthony Baldacchino (wieħed mill- ulied) huma l-werrieta universali ta’ Francis Baldacchino. Ir-rikorrenti

[2] Dok “B” f’pa[. 5 tal-pro`ess
[3] Dok “~”, f’pa[[. 6 sa 11 tal-pro`ess

Kalċedonja Baldacchino hija użufruttwarja tal-ġid ta' żewġha Francis;

Illi l-proċedura meħuda mir-rikorrenti hija dik maħsuba mil-liġi dwar l-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv li m'huwiex sentenza[4]. Ta' min jgħid li din il-proċedura sfat milquta mit-tibdiliet li saru fil-liġi tal-proċedura bl-Att XXIV tal-1995[5]. Dawn it-tibdiliet kienu sostanzjalment dwar (a) il-mod li bih persuna tista' tressaq proċedura biex tirrendi eżekuttiv titolu magħruf fil-liġi; u, iżjed importanti, (b) f'liema ċirkostanzi tista' titressaq proċedura bħal dik u minn min. Għar-rigward tal-ewwel, il-bidla kienet fis-sens li jekk qabel il-liġi riedet li t-talba ssir b'Att taċ-Ċitazzjoni, issa l-att meħtieġ huwa r-Rikors. Dwar tat-tieni, hemm aktar x'wieħed jgħid. Qabel il-bidliet, l-azzjoni kienet miftuħa biss għal dawk il-każijiet fejn l-eżekuzzjoni kienet tintalab wara li d-debitur (tat-titolu) ikun miet qabel ma jkun tħallas il-kreditu. Kemm hu hekk,in-nota marġinali li għad hemm illum il-ġurnata mal-artikolu 259 għadha turi li dan huwa l-każ. Madankollu, fl-1995, inħoloq rimedju ġdid fl-istess artikolu biż-żieda tas-sub-artikolu 4. Dan huwa l-istess sub-artikolu li r-rikorrenti qegħdin jinvokaw bħala l-basi ta' din l-azzjoni tagħhom. Bl-imsemmija dispożizzjoni, jingħata jedd ta' azzjoni lill-"eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tal-kredituri";

Illi fis-sottomissjonijiet magħmulin mill-abbli difensur tal-intimati, jingħad li r-rikorrenti Kalċidonja Baldacchino m'hijiex werrieta ta' żewġha, imma biss użufruttwarja[6], u għalhekk hija ma tistax tinqeda b'din il-proċedura speċjali. Min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti ressqu l-argument li Kalċedonja Baldacchino għandha l-interess ġuridiku meħtieġ u kif ukoll il-jedd li tieħu sehem f'din il-proċedura

[4] Ara artt. 253, 256(2) u 259(4) tal-Kap 12
[5] Ara XXIV.1995.132
[6] Klawsola 2 tat-testment, f'pa[[. 7-8 tal-pro`ess

billi mhux biss din il-proċedura hija miftuħa għal benefiċjarji oħrajn li m'humiex werrieta, imma ma hux konċepibbli li titolu jiġi magħmul eżekuttiv biss f'parti minnu;

Illi l-Qorti qieset sewwa l-imsemmija sottomissjonijiet u dan fid-dawl tal-kliem innifsu tal-liġi. L-artikolu 259(4) tal-Kap 12 jitkellem dwar werrieta, suċċessuri jew ċessjonarji. Dan żgur ma jirreferix biss għall-werrieta b'titolu universali. Il-qagħda legali ta' Kalċedonja Baldacchino hi li, bħala użufruttwarja, tikkwalifika bħala legatarja ta' żewġha[7]. Fi kliem il-liġi nnifisha[8], legatarju huwa benefiċjarju jew suċċessur tal-mejjet b'titolu partikolari. Issa tajjeb jingħad li l-artikolu 259(4) tal-Kap 12 ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn suċċessuri taħt titolu partikolari jew suċċessuri taħt titolu universali: għall-kuntrarju, il-Qorti tifhem li kieku l-kelma "suċċessuri" f'dak l-artikolu kellha tinftiehem biss bħala werrieta universali, ma kienx ikun hemm bżonn li tintuża dik il-kelma u wkoll il-kelma "eredi". Minbarra dan, hu mogħti lill-użufruttwarju l-jedd li f'dik il-kwalita' jmexxi b'kull azzjoni reali li l-liġi tagħti lis-sid[9];

Illi, minn dan kollu l-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti Kalċedonja Baldacchino għandha mhux biss interess ġuridiku mogħni bl-elementi kollha li huwa mistenni mil-liġi biex tressaq din il-proċedura, imma wkoll *locus standi judicio* sewwasew għaliex hija waħda mill-persuni li għalihom jirreferi l-artikolu tal-Kodiċi li taħtu nbdiet din il-proċedura;

---

[7] Ara P.A. **7.2.1935** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Mifsud vs Gau`i et*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.303**) u s-sentenzi hemm imsemmija dwar dan il-punt
[8] Ara art. 591(2) tal-Kap 16
[9] Art 348 tal-Kap 16

Għalhekk, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni mqanqla mill-intimati m'għandhiex mis-sewwa u ma ssibx il-kenn tal-liġi favuriha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi:

Billi **tiċħad it-tieni eċċezzjoni** tal-intimati, u tordna li s-smigħ tar-rikors jissokta bil-ġbir tal-provi tal-partijiet. L-ispejjeż jibqgħu għad-deċiżjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------